



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

October 2020 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

## EDITORJAL

[Editorjal](#)

Għeżież qarrejja,

Dan ix-xahar ta' Ottubru jimmarka bidu ġdid għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), b'aktar minn 40 % tal-membri huma ġodda fil-Kumitat.

Il-membri l-ġodda nħatru u wasal biex jibda l-mandat ta' ħames snin li jmiss tal-KESE. Il-wasla ta' membri ġodda, bl-għarfien espert uniku tagħhom u b'entużjażmu ħaj, dejjem kienet sors maġġuri ta' ispirazzjoni għall-KESE.

Dan it-terminu politiku ġdid jibda fi żmien meta l-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea qatt ma kienu daqstant kbar. Il-pandemija tal-coronavirus qed tkompli tagħmel ħerba madwar il-kontinent, u qed tikkawża kriżijiet kbar tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi. Barra minn hekk, l-UE tinsab f'kundest ġeopolitiku ta' sfida enormi.

Il-Kumitat jagħti kontribut ewlieni għall-kisba tal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea billi jpoġġi liċ-ċittadin fil-qalba tal-opinjoni, il-pubblikazzjonijiet u l-attivitajiet tiegħu. Illum, aktar minn qatt qabel, irridu niżguraw li l-vuċi tas-soċjetà ċivili tinstema' fix-xena Ewropea meta jitfasslu politiki u inizjattivi ġodda. Il-Kumitat se jaħdem fuq oqsma ta' politika ewlenin li huma verament importanti għan-nies, fosthom Unjoni tas-Saħħa Ewropea aktar b'saħħitha, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali u l-konsegwenzi tal-Brexit. Aħna se niddibattu dwar għadd ta' proposti ta' politika li juru biċ-ċar il-ħtieġa li l-livelli kollha ta' governanza jaħdmu flimkien mill-qrib.

Il-KESE se jaqdi r-rwol tiegħu bis-sħiħ billi jaħdem fl-Istati Membri, iżomm u jiżviluppa n-network ta' kuntatti tiegħu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali u Ewropej, u billi jagħmel enfasi li jiġu mismugħa l-esperjenzi reali u l-aspirazzjonijiet tal-pubbliku u tan-negozji.

Dan se jkun possibbli permezz tal-għarfien espert li diġà għandna kif ukoll grazzi għalikom! L-impenn, il-kontribut bla heda, kif ukoll il-ħidma tagħkom bħala ambaxxaturi joffru perspettiva ġenwina u valur miżjud reali għall-attivitajiet tal-Kumitat. Flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra, aħna se naħdmu flimkien sabiex insibu soluzzjonijiet konġunti u koeżivi.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nilqa' lill-membri l-ġodda tagħna minn madwar l-Ewropa kollha. Nawguralkom kull suċċess għall-ħames snin li ġejjin, li se jkunu deċiżivi għall-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea u għall-Kumitat tagħna.

Gianluca Brunetti

Is-Segretarju Ġenerali tal-KESE

## DATI TAD-DJARJU

**3-4 ta' Novembru 2020, Brussell, il-Belġju**

[Konferenza tal-partijiet interessati tal-ekonomija ċirkolari](#) (online)

**2-3 ta' Diċembru 2020, Brussell, il-Belġju**

Sessjoni plenarja tal-KESE



## EJJA U ?URNA... VIRTWALMENT!

**Il-KESE jniedi l-EESC Online Talks (Taħdidiet online mal-KESE) bħala alternattiva għaż-żjarat fuq il-post.**

Kull sena, is-servizz tal-viżitaturi tal-KESE jilqa' eluf ta' viżitaturi mill-Ewropa kollha u mill-bqija tad-dinja. Is-servizz tal-viżitaturi jippreżenta l-attivitajiet tal-Kumitat u l-funzjonament tal-Unjoni Ewropea lil udjenza varja ħafna.

Madankollu, minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, il-KESE kellu jagħlaq temporanjament għall-viżitaturi esterni.

Għalhekk, il-KESE qiegħed iniedi l-**EESC Online Talks** bħala alternattiva għaż-żjarat tradizzjonali.

Matul dawn il-laqqgħat virtwali, il-viżitaturi se jkollhom l-opportunità li jsiru jafu aktar dwar il-**funzjonament u r-rwol tal-KESE** fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Jekk tixtieq tibbukkja **EESC Online Talk** għall-membri tal-organizzazzjoni tiegħek jew għal partijiet ikkonċernati rilevanti, jekk jogħġbok ibgħatilna posta elettronika fuq: [visitEESC@eesc.europa.eu](mailto:visitEESC@eesc.europa.eu)

Nistennew bil-ħerqa li nisimgħu mingħandek! (c)



## L-UE U L-AFRIKA: LEJN S'UBIJA AKTAR UGWALI

F'Marzu 2020 il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ippreżentat l-istrateġija l-ġdida dwar l-Afrika bil-għan li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani jissawru mill-ġdid. Qabel is-Summit UE-Afrika mistenni bil-ħerqa, il-KESE għamel pass ieħor billi ppropona sħubija sostenibbli bejn l-UE u l-Afrika bbażata fuq id-drittijiet universali tal-bniedem, l-istrutturi demokratiċi, l-investimenti fit-tul fl-infrastruttura u l-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili organizzata. Din ir-relazzjoni ġdida proposta bejn l-UE u l-Afrika ma tistax tinbena fuq l-approċċ antikwat tal-politika industrijali u t-tkabbir, li huwa ta' ħsara għall-pjaneta u għandu konsegwenzi soċjali negattivi ħafna. Il-fokus, skont il-KESE, irid ikun fuq it-tqassim ġust tal-ġid u l-ħolqien ta' strutturi tal-istat soċjali.

F'termini prattiċi, il-KESE jindika li s-sħubija ta' żvilupp tal-UE trid tappoġġja aktar lill-ħolqien ta' sistemi lokali tal-edukazzjoni pubblika fil-

livelli kollha, billi jitwessa' l-programm Erasmus+. L-għan aħħari jkun li jiġi evitat l-"eżodu ta' mħuħ" mill-Afrika lejn l-UE u li tinqueleb it-tendenza tal-migrazzjoni.

**Luca Jahier**, il-President tal-KESE li għadu kif temm il-mandat tiegħu, indika li l-Afrika kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-mandat tiegħu u enfasizza li l-proġett li għaddej bħalissa li tinbena żona ta' kummerċ ħieles kontinentali Afrikana toħloq sinerġiji mas-suq intern tal-UE. **Is-Sur Jahier** semma l-migrazzjoni u l-involvement meħtieġ tas-soċjetà ċivili Afrikana fis-sħubija UE-AKP li jmiss u kkonkluda billi qal li "l-Afrika ma tilfitx il-post ċentrali tagħha fl-aġenda tal-KESE minkejja l-pandemija tal-COVID-19". (dgf)



## IL-KESE JWISSI DWAR IR-RISKJU TA' GWERRA KUMMERĠJALI "EKOLOĠIKA"

Sa minn mindu ġie ffirmat il-Protokoll ta' Kjoto, diversi ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja implimentaw is-Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet hija l-akbar sistema u l-aktar waħda antika, u għandha tiġi riveduta f'konformità mal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija għall-2030. F'Opinjoni adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru, il-KESE jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u lejn sistemi oħra fid-dinja għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, u jiddeskrivi approċċi biex jiġi rregolat il-kummerċ f'dan il-ftehim il-ġdid għas-swieq tal-karbonju.

Fl-Opinjoni tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jerġa' juri l-appoġġ tiegħu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, jappella lill-Kummissjoni timmonitorja s-swieq lokali tal-karbonju fid-dinja sabiex tidentifika l-aħjar prattiki li jistgħu jkunu utli għar-reviżjoni tas-Sistemi għall-Iskambju ta'

Kwoti tal-Emissjonijiet, u tqis il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fl-UE, kemm mil-lat ambjentali kif ukoll dak kummerċjali.

Wieħed mill-punti ewlenin fl-Opinjoni huwa li l-KESE jinsab imħasseb bil-livelli assimteriċi tal-prezz tal-karbonju bejn il-ġurisdizzjonijiet u s-swieq differenti. Kundizzjonijiet ekwi bejn l-industriji fl-UE u barra l-UE jistgħu tabilħaqq jiddgħajfu minħabba l-iżvilupp ta' sistemi differenti għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet iżda wkoll minħabba l-kompetizzjoni minn swieq terzi f'pajjiżi li ma għandhomx politiki ambizzjużi dwar il-klima. Għalhekk, huwa jitlob lill-Kummissjoni biex fix-xhur li ġejjin tressaq Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri li jipproteġi lill-kumpaniji tal-UE li jużaw ħafna enerġija minn importazzjonijiet irħas minn pajjiżi terzi mingħajr politiki dwar il-klima jew b'politiki aktar dgħajfa. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu implimentati aġġustamenti tal-karbonju fil-fruntieri f'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, sabiex tiġi evitata gwerra kummerċjali. (dgf)

---

## NEW PUBLICATIONS

## “Dessine-moi...” jinsab online ISSA!



Il-fuljett “Dessine-moi...” huwa r-riżultat ta’ 43 testimonjanza miġbura mill-membri tal-KESE minn madwar is-27 Stat Membru tal-UE bejn April u Settembru 2020. Bil-frażi “Dessine-moi ...”, mislufa mill-ktieb ta’ Antoine de Saint-Exupéry *Il-Prinċep iż-Żgħir (Le Petit Prince)*, tlabna lill-membri biex jgħidulna dwar “l-inviżibbli”. Permezz tal-istejjer tagħhom, il-membri ħaduna fuq vjaġġ fid-dinjiet privati tagħhom, u offrulna mużajk ta’ pajsaġġi, stampi, kuluri u ħsejjes. Inħeġġukom tesploraw dawn l-istejjer awtentiċi, li huma iktar u iktar importanti għax kienu ġew esperjenzati b’intensità kbira.

Nirringrazzjaw lill-membri li kienu involuti fil-produzzjoni ta’ dan il-fuljett:

*Isabel Caño Aguilar, Milena Angelova, Giuseppe Guerini, Adam Rogalewski, Helena de Felipe Lehtonen, Gonçalo Lobo Xavier, Anne Demellenne, Cillian Lohan, Christa Schweng, Georges Dassis, Baiba Miltoviča, Maurizio Reale, Lucie Studničná, Carlos Trias Pintó, Martina Širhalová, Judith Vorbach, Lidija Pavić-Rogošić, Arnold Puech d'Alissac, José María Zufiaur Narvaiza, Yves Somville, Evangelia Kekeleki, Tellervo Kylä-Harakka-Ruonala, Sofia Björnsson, Irini Pari, Tatjana Babrauskienė, Reet Teder, Peter Schmidt, Kinga Joó, Philip von Brockdorff, Michalis Antoniou, Gunta Anča, Cristian Pîrvulescu, Claudine Otto, Giulia Barbucci, Laure Batut, Bente Sorgenfrey, Karolina Dreszer-Smalec, Dilyana Slavova, Renate Heinisch, Janusz Pietkiewicz, Jože Smole, Martin Siecker and Arnaud Schwartz.*

## A?BARIJIET TAL-KESE



## Il-mandat tal-KESE jibda b'aktar minn 40% membri l-ġodda

137 mit-329 membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser ikunu membri l-ġodda fil-KESE hekk kif f'Ottubru jibda l-mandat tiegħu għall-perjodu 2020-2025.

Il-membri l-ġodda fil-KESE se jibdeu il-mandat tagħhom f'kuntest ta' restrizzjonijiet tal-COVID-19, hekk kif it-tbeggħid soċjali u l-laqqgħat ibridi għadhom in-norma fi Brussell peress li r-rati tal-infezzjoni żdiedu madwar l-Ewropa.

It-329 membru tal-KESE jinħatru mill-ġdid kull ħames snin, kif stabbilit mit-Trattati. Din id-darba **aktar minn 40% tal-membri se jkunu l-ġodda**, u dawn se jgħibu magħhom il-perspettivi u l-ideat friski tagħhom kif ukoll enerġija ġdida fil-ħidma tagħhom flimkien mal-membri li qed jirritornaw.

In-nisa se jiffurmaw 33% tal-membri fil-mandat il-ġdid, żieda minn 27.30% fl-aħħar mandat u 24.70% fl-2010-2015. Il-pajjiżi bl-aktar membri nisa ser ikunu l-Estonja, b'85.71%, u r-Repubblika Ċeka u l-Kroazja jsegwu b'66.67%. Fit-tarf l-ieħor tal-iskala, il-Portugall u Ċipru ma għandhomx nisa fir-rappreżentanza tagħhom. L-lżvezja għandha bilanċ perfett bejn il-ġeneri.

L-iżgħar membru għandu 27 sena, filwaqt li l-aktar membru anzjan, li għandu jippresjedi s-sessjoni plenarja li ser teleġġi l-mexxejja l-ġodda, għandu 76 sena.

Il-membri jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' ħames snin, abbażi tan-nomini mill-Istati Membri. Il-lista sħiħa tal-membri għall-mandat il-ġdid – mill-2020 sal-2025 – dalwaqt ser tkun disponibbli fuq is-sit web tal-KESE.

It-329 membru ġdid jew ikkonfermat mill-ġdid għandhom jiltaqgħu għall-ewwel darba fi Brussell fis-27 ta' Ottubru. Fit-**28 ta' Ottubru** huma se jeleġġu **President ġdid u żewġ Viċi Presidenti** (għall-Komunikazzjoni u għall-Baġit rispettivament) għal mandat ta' sentejn u nofs.

Il-pożizzjoni tal-president iddur bejn it-tliet gruppi tal-Kumitat (Grupp ta' Min Iħaddem, tal-Ħaddiema u Diversità Ewropa). Iż-żewġ presidenti preċedenti ġew eletti mill-Grupp tal-Ħaddiema u mill-Grupp Diversità Ewropa.

Kull membru se jingħaqad ma' wieħed mit-tliet Gruppi, li se jeleġġi wkoll il-president tal-Grupp tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs li jista' jigggeded.

Ir-rwol ewlieni tal-KESE huwa li jagħti pariri lil dawk li jfasslu l-liġijiet tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni u politiki permezz tal-ħidma tas-[sitt sezzjonijiet tiegħu u kummissjoni konsultattiva waħda](#), li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, bħal kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi, agrikoli, ambjentali u tat-trasport. (dm)



## Il-KESE jikkonkludi l-mandat tiegħu b'rendikont dwar il-kontribut tiegħu g'all-proġett Ewropew

Fis-17 ta' Settembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ospita ċ-ċerimonja ta' tmiem il-mandat tiegħu matul l-aħħar sessjoni plenarja qabel il-mandat li jmiss f'Ottubru. **Luca Jahier**, President tal-KESE minn April 2018, wera l-gratitudni tiegħu lill-membri kollha u enfasizza l-kontribut importanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rrappreżentati fil-KESE għall-proġett Ewropew.

Fl-aħħar diskors tiegħu bħala president, **Luca Jahier** tkellem dwar il-prijoritajiet ewlenin tal-mandat tiegħu, jiġifieri l-iżvilupp sostenibbli, ir-relazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Afrika, it- tkabbir tal-UE, u l-kultura bħala element ta' għaqda fl-Ewropa. Huwa saħaq ukoll dwar il-kontribut li għamel il-KESE f'dawn l-aħħar ftit snin biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE: pereżempju, il-KESE kien l-ewwel istituzzjoni Ewropea li pproponiet Unjoni Ewropea tas-Saħħa. Huwa wera t-tama li l-KESE jkun

jista' jieħu sehem attiv fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa proposta mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, **Ursula von der Leyen**, baġtet messaggġ vidjo biex tfaħħar "il-ħidma eċċellenti" tal-KESE fl-aħħar ħames snin u l-kontribut importanti tiegħu għall-proċedura leġiżlattiva tal-UE. **David Sassoli**, President tal-Parlament Ewropew, baġhat ukoll messaggġ vidjo fejn esprima r-rieda tiegħu li jaħdem aktar mill-qrib mal-KESE biex joħloq djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili organizzata. **Klara Dobrev**, Viċi President tal-Parlament Ewropew, tkellmet waqt il-plenarja tal-KESE biex tisħaq dwar il-fatt li "xejn ma jista' jinbidel fid-dinja mingħajr l-appoġġ tal-poplu; u r-rwol tal-KESE huwa li jidh'ol f'kuntatt mas-soċjetà ċivili organizzata, ma' persuni reali, il-koll bi sfondi u ħtiġijiet differenti". (dgf)

---



## Il-COVID-19 hija bomba tal-?in g?all-industrija tat-turi?mu tal-Ewropa

**Il-pandemija tal-coronavirus qed tagħmel ħerba fis-settur tat-turiżmu tal-Ewropa. Fi żmien sitt xhur nofs in-negozji jistgħu jgħibu sakemm l-UE ma tiħux passi malajr, jgħid il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'Opinjoni ġdida.**

F'[Opinjoni](#) ta' Panagiotis Gkofas, li adotta f'Settembru, il-KESE jistqarr li tinħtieġ azzjoni tal-UE biex in-negozji fil-qasam tat-turiżmu jibqgħu f'wiċċ l-ilma u l-ħaddiema tagħhom jibqgħu impjegati fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. U m'hemmx ħin x'nitilfu: jekk nistennew sitt xhur oħra nofs dawn in-negozji jaf ikunu għalqu.

Biex jappoġġja d-dikjarazzjonijiet tiegħu, il-KESE wettaq [stħarriġ online](#) matul is-sajf li involva 175 organizzazzjoni li jirrappreżentaw eluf ta' negozji tat-turiżmu u li jimpjegaw mijiet ta' eluf ta' ħaddiema fl-UE.

It-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju tal-KESE pitru stampa ta'

diżastru imminenti.

88,2 % ta' dawk li wiegħbu qalu li l-kriżi tal-COVID-19 affettwathom b'mod "negattiv ħafna", 80,6 % bassru li l-effetti tagħha se jolqtuhom b'mod aktar qawwi fil-perjodu twil u 45 % jaħsbu li jkunu għadhom jeżistu fl-2021.

L-Opinjoni tfasslet b'reazzjoni għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar [It-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn](#).

Is-settur tat-turiżmu fl-UE huwa stmat li qed jitlef madwar EUR 1 biljun fi dħul fix-xahar u jista' jitlef 6,4 miljun impjeg fl-2020 bħala riżultat tal-COVID-19.

Biex tagħti spinta mill-ġdid lill-industrija, l-ewwel u qabel kollox l-UE trid tieħu azzjoni biex **tirrestawra l-fiduċja tan-nies fis-sikurezza tal-ivvjaġġar**, jistqarr il-KESE.

Sakemm tinstab tilqima, il-KESE jappoġġja l-idea ta' **passaport tas-saħħa tal-UE** b'Formola armonizzata għal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri (PLF) u kodiċi QR flimkien ma' Pjattaforma multilingwi għall-Assistenza tas-Saħħa.

In-nies ikunu jistgħu jużaw il-kodiċi QR biex jaċċessaw l-informazzjoni u s-servizzi tas-saħħa fil-pajjiż li jkunu qed iżuru u jkollhom aċċess ta' emerġenza għas-sistemi tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali.

Prijorità ewlenija oħra hija li jkun hemm **likwidità** disponibbli malajr kemm jista' jkun għan-negozji fil-qasam tat-turiżmu u l-impjegati tagħhom, peress li n-nuqqas ta' fluss ta' flus qed jhedded is-sopravivenza tagħhom.

Fil-fehma tal-KESE, il-programm SURE għall-mitigazzjoni tal-qgħad għandu jipprovdi għajjnuna għall-ħaddiema qiegħda fis-settur tat-turiżmu u kumpens tal-pagi għall-SMEs sa mill-inqas it-30 ta' Ġunju 2021.

Il-Kumitat jemmen ukoll li l-UE għandha twaqqaf mekkaniżmu għall-**monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ** peress li ħafna minn dawk li wiegħbu l-istħarriġ ilmentaw li ma ngħataw l-ebda għajjnuna finanzjarja wara li l-UE ħabbret li kienet qed tagħmel fondi disponibbli. (dm)



## [Il-KESE jagħti l-fehma tiegħu dwar il-?tie?ta ta' strument tal-UE għall-pagi minimi](#)

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)** adotta Opinjoni dwar ***Pagi minimi deċenti fl-Ewropa kollha*** li fiha ta l-kontribuzzjoni tiegħu għad-dibattitu kontinwu mal-UE kollha dwar is-suġġett.

Din l-Opinjoni esploratorja ntalbet mill-Parlament Ewropew, wara t-tħabbira tal-Kummissjoni li kienet qed tikkunsidra li tipproponi strument legali biex tiżgura li kull ħaddiem tal-UE huwa intitolat għal paga minima li tippermetti livell ta' għajxien deċenti.

Fl-opinjoni, il-KESE argumenta li pagi minimi ġusti jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar fost in-nies foqra li jaħdmu, flimkien ma' politiki ta' inklużjoni ċċentratu fuq il-persuna, integrati u attivi.

Madankollu, huwa enfasizza li kwalunkwe inizjattiva tal-UE bħal din għandha tissawwar fuq il-bażi ta' analiżi preċiża tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, u għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-rwol u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali, kif ukoll il-mudelli differenti ta' relazzjonijiet industrijali.

Fir-rigward tar-rotta li jeħtieġ tittieħed, it-tliet gruppi fi ħdan il-KESE, li jirrappreżentaw lil min iħaddem, lit-trade unions u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE, esprimew fehmiet diverġenti.

F'isem il-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, ir-relatur **Stefano Mallia** qal: "Il-Grupp ta' Min Iħaddem jemmen li l-UE m'għandha l-ebda kompetenza fuq il-paga, u l-livelli ta' paga b'mod partikolari, u li l-iffissar ta' pagi minimi hija kwistjoni nazzjonali, magħmula skond karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi nazzjonali rispettivi. Kwalunkwe azzjoni żbaljata min-naħa tal-UE għandha tiġi evitata, speċjalment f'dan il-mument partikolari. Fejn l-imsieħba soċjali jeħtieġu appoġġ, għandna nħarsu lejn l-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi billi nippromovu skambji tal-aħjar prattiki u l-bini tal-kapaċità u ma naqgħux fin-nasba li noħorġu b'approċċ ta' 'daqs wieħed għal kulħadd li jista' jkollu konsegwenzi negattivi serji."

Ir-relatur **Oliver Röpke**, li jirrappreżenta l-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, qal: "L-iżgurar li l-ħaddiema madwar l-UE jibbenefikaw minn pagi minimi deċenti għandu jkun parti essenzjali mill-istrateġija ta' rkupru tal-UE. Għall-grupp tal-Ħaddiema, huwa inkontestabbli li l-ħaddiema kollha għandhom ikunu protetti minn pagi minimi ġusti li jippermettu standard ta' għajxien deċenti kull fejn jaħdmu. In-negozjar kollettiv jibqa' l-aktar mod effettiv biex jiġu ggarantiti pagi ġusti u għandu wkoll jissaħħaħ u jiġi promoss fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant nilqgħu r-rikonoxximent tal-Kummissjoni li hemm kamp ta' applikazzjoni għall-azzjoni tal-UE sabiex tippromovi r-rwol ta' negozjar kollettiv fl-appoġġ tal-adeqwatezza u l-kopertura tal-paga minima." (II)



## Wara l-protesti ta'-'g'a'ag' dwar il-klima wasal i '-mien li '-g'a'ag' jing'ataw post madwar il- mejda

L-emerġenza klimatika li qed tiffaċċja d-dinja llum immobilizzat miljuni ta' żgħażaġh madwar id-dinja, li ħafna minnhom huma milqutin serjament mit-theddida li toħloq għall-futur tagħhom. Fl-istess ħin, huma ż-żgħażaġh li għal diversi drabi wrew l-enerġija, il-kreattività u l-motivazzjoni tagħhom li jisfidaw il-mudelli attwali mhux sostenibbli u jħeġġu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jadottaw politiki ambizzjużi. Madankollu għad hemm distakk kbir bejn li jingħataw widen, u li tittieħed azzjoni dwar dak li jgħidu.

F'din l-Opinjoni, il-KESE jipprova jnaqqas dan id-distakk, filwaqt li jqis li l-involvement strutturat u formali taż-żgħażaġh huwa kruċjali fl-istadji kollha tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

“L-Ewropa, u d-dinja, għandhom bżonn ambizzjoni, tmexxija u azzjoni. Is-sistemi tagħna huma bbażati fuq is-self mill-futur, issa wasal iż-żmien li nibdew ninvestu fil-futur”, saħaġ **Cillian Lohan**, ir-relatur tal-Opinjoni.

F'dan il-kuntest, il-KESE jipproponi li jiġu organizzati **Round Tables għaż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà** f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u l-Parlament, kif ukoll l-inklużjoni ta' persuna delegata żaġżuġha fid-delegazzjoni uffiċjali tal-UE għal-laqqgħat tal-COP tal-UNFCCC.

Din hija opportunità ta' darba f'ġenerazzjoni waħda biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi sistemiċi u ssir tranżizzjoni għal futur aħjar. (mr)

---



## Il-Jum Dinji tal-Ikel: l-UE trid issarra l-istrateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' f'azzjonijiet rilevanti u f'waqthom, jgħid il-KESE

Il-KESE ilu għal snin fuq quddiem fil-promozzjoni ta' politika komprensiva tal-UE dwar l-ikel, bil-għan li jiġu pprovduti dieti tajbin għas-saħħa minn sistemi sostenibbli tal-ikel, tiġi stabbilita rabta bejn l-agrikoltura u n-nutrizzjoni u s-servizzi tal-ekosistema, u jiġu żgurati ktajjen ta' provvista li jipproteġu s-saħħa pubblika għas-soċjetà Ewropea kollha.

Fil-fehma tal-Kumitat, l-istrateġija proposta ta' 'Mill-Għalqa sal-Platt' ma tirriflettix biżżejjed dawn l-għanijiet.

Għodda kruċjali biex titwettaq din l-istrateġija huwa l-baġit tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), peress li jirrappreżenta 40 % tal-infiq totali tal-UE. Għalhekk, il-baġit tal-PAK għandu jiġi miżjud biex ikun konformi ma' dawn l-għanijiet.

L-istrateġija ma tindirizzax lanqas il-kwistjoni dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-art u dwar l-aċċess għall-art, wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tiġdid tal-popolazzjoni fis-settur agrikolu. Fl-istess ħin il-funzjoni ta' appoġġ għall-introjt tal-pagamenti tal-PAK hija essenzjali u se tibqa' hekk għas-snin li ġejjin, anke jekk jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-prezzijiet tal-ikel ikunu jirriflettu l-ispejjeż veri tal-produzzjoni.

Tħassib ieħor ewleni għall-bdiewa tal-UE huwa dak li jkollhom jikkompetu ma' prodotti importati li ma jilħqux il-miri stabbiliti għas-sostenibbiltà. Għalhekk, il-Kumitat iħeġġeġ lill-UE biex fil-ftehimiet ta' kummerċ preferenzjali tiżgura standards li tassew ikunu reċiproċi.

L-Ewropa u d-dinja għad iridu jagħmlu ħafna iktar biex isiru sostenibbli għal kollox. L-Ewropa għandha l-għodod u l-għarfien espert biex tasal. Ejjew nagħtu prova li għandna wkoll ir-rieda politika u l-impenn meħtieġa, u nuru t-triq lill-oħrajn. (mr)



## [Il-kjarifiki dwar l-istatus tal-?addiema jistg?u jg? inu biex ji?i ?ġurat xog?ol ?ust fl-ekonomija tal-pjattaformi](#)

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** ħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri għall-ħidma dwar kjarifiki għat-termini tal-impjegieg fl-ekonomija tal-pjattaformi, peress li nuqqas ta' definizzjonijiet standardizzati kemm dwar l-istatus tal-ħaddiema kif ukoll dwar dak tal-impjegaturi jista' jikkomplika l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u ta' ħafna drittijiet tal-protezzjoni tax-xogħol.

Il-kunċetti ewlenin li jirrikjedu kjarifiki huma dawk li jiddefinixxu l-pjattaformi bħala "intermedjarji tal-provvista u d-domanda" aktar milli dawk li jiddefinixxu lil "impjegaturi". Dan iwassal biex il-ħaddiema jitqiesu bħala "persuni li jaħdmu għal rashom" minflok "impjegati", li ħafna drabi jwassal biex tineħhilhom il-protezzjoni legali u soċjali, inklużi s-saħħa u s-

sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-protezzjoni tal-impjegieg, li l-importanza tagħhom ħarġet b'mod partikolari matul il-pandemija attwali.

Bħala l-kejl li jiddetermina jekk ħaddiem huwiex impjegat jew ħaddiem għal rasu, il-KESE ssuġġerixxa li l-UE u l-Istati Membri għandhom jadottaw il-kunċett ta' dipendenza u subordinazzjoni ekonomika. Qal ukoll li l-UE u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bir-reqqa l-adozzjoni tal-prinċipju li ħaddiem jitqies bħala impjegat fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Madankollu, il-ħaddiema ġenwinament indipendenti għandhom ikunu jistgħu jżommu dak l-istatus jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

Il-KESE wissa wkoll li r-riskji li ma għandhomx jiġi sottovalutati, filwaqt li semma l-flessibbiltà u l-awtonomija tax-xogħol, id-dħul supplementari għall-ħaddiema u l-aċċess aktar faċli għal persuni vulnerabbli għall-impjeg bħala wħud mill-benefiċċji li ġġib magħha l-ekonomija tal-pjattaformi.

Minbarra l-ħaddiema bit-theddida li jincaħdulhom id-drittijiet bażiċi tagħhom, inklużi d-drittijiet tagħhom li jorganizzaw lilhom infushom u għal negozjar kollettiv, hemm ukoll theddid għas-soċjetà inġenerali, minħabba r-riskju akbar ta' kompetizzjoni bbażata fuq it-twaqqigħ tal-istandards soċjali. Dan għandu wkoll konsegwenzi dannużi kemm għall-impjegaturi, li huma soġġetti għal pressjoni kompetittiva mhux sostenibbli, kif ukoll għall-Istati Membri, li jtilfu d-dħul mit-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Il-KESE ppreżenta l-argumenti tiegħu fl-Opinjoni dwar [Xogħol ġust fl-ekonomija tal-pjattaformi](#), adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru u abbozzata fuq talba mill-presidenza Ġermaniża tal-UE. Ir-relatur tal-Opinjoni kien il-membri Portugiż **Carlos Manuel Trindade**. (II)



## Il-bijodiversità hija l-parti nieqsa fit-ta'bila kumplessa ta' strateġiji tal-UE

L-UE ilha sa mill-1992 tipprova timplimenta strateġiji tal-bijodiversità mingħajr ebda riżultat sinifikanti. Dan huwa primarjament minħabba implimentazzjoni fqira tal-qafas leġiżlattiv, u minħabba nuqqas ta' fondi għall-miżuri meħtieġa.

Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-impenn u sforzi mgħeddin tal-Kummissjoni biex tiżviluppa Strateġija tal-UE li tistabbilixxi miri biex jintlaħqu sal-2030, bħala wieħed mill-perkorsi lejn il-kisba tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

Skont ir-relatur **Antonello Pezzini** u l-korelatur **Lutz Ribbe**, din l-istrateġija hija t-triq 'il quddiem biex il-bijodiversità tal-Ewropa titpoġġa fil-qalba tal-irkupru wara l-COVID-19 għall-benefiċċju tan-nies, il-klima u l-pjaneta, filwaqt li nreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna.

L-UE jeħtieġ iżżid b'mod sostanzjali l-isforzi tagħha biex tiproteġi r-riżorsi naturali li fadlilna, permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni. Il-KESE jqis li hemm bżonn li jikber id-daqs taż-żoni protetti, b'mod partikolari taż-żoni bi protezzjoni stretta, li jiġu restawrati l-ħabitats u li jiġi indirizzat id-deklin tal-ispeċi.

Il-KESE jenfasizza wkoll li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti ma jistgħux ikunu mistennija jgħorru l-piż finanzjarju għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Minflok, għandha tkun opportunità interessanti ta' sors ta' introjtu għalihom meta huma jipprovdu "ben u valur pubbliku".

Fit-tnejn għal-laqqgħa li jmiss tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika fiċ-Ċina fl-2021, irid isir ħafna iktar biex nissalvagwardjaw il-bijodiversità globali. Issa wasal iż-żmien li l-Ewropa tassumi r-rwol tagħha ta' tmexxija, u tikkonvinċi lill-partijiet l-oħra li l-istrateġiji adottati ta' min jiġu segwiti. (mr)

---



## Il-KESE jappella għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE biex jiġi ġurati ktajjen tal-provvista globali f'ustj u sostenibbli

Il-kriżi tal-COVID-19 li għadha għaddejja uriet il-fraġilità tal-ktajjen tal-provvista globali. Din kixfet ukoll il-vulnerabbiltà tal-ħaddiema u l-impatti negattivi soċjali, tas-saħħa u tas-sikurezza tal-operazzjonijiet tan-negozju fil-ktajjen tal-provvista tal-lum. F'mument kruċjali għal azzjoni politika u teħid ta' deċiżjonijiet konkreti, il-Presidenza Ġermaniża tal-UE u l-Parlament Ewropew talbu lill-KESE għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. F'żewġ opinjonijiet adottati fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru, huwa jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni Ewropew u tressaq obbligi ta' diliġenza dovuta obligatorji fil-ktajjen tal-provvista globali.

F'opinjoni esploratorja, il-KESE jappella għal Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem, ix-xogħol deċenti u s-sostenibbiltà fil-ktajjen tal-provvista globali, b'leġiżlazzjoni vinkolanti transsettorjali tal-UE dwar diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u kondotta kummerċjali responsabbli fuq quddiem nett. Definizzjoni wiesgħa għandha tkopri d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions, u tibni fuq firxa ta' strumenti internazzjonali.

B'mod parallel mal-ħidma tiegħu fuq il-Pjan ta' Azzjoni, il-KESE ilu jipprova l-parir tiegħu lill-Parlament Ewropew dwar inizjattiva legali Ewropea li tintroduċi diliġenza dovuta obligatorja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali fil-prattiki kummerċjali. L-inizjattiva, imħabbra mill-Kummissarju Ewropew Didier Reynders f'April 2020 u mistennija fl-2021, se tagħmilha legalment vinkolanti għall-kumpaniji li joperaw fl-UE biex jidentifikaw, jipprevjenu, jimmitigaw u jqisu l-impatti negattivi tal-attivitajiet tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema u fuq l-ambjent. (dgf)

---



## Is-settur tal-UE tal-materji prima: il-KESE jitlob id-diġitalizzazzjoni tal-estrazzjoni mill-minjieri

L-iżgurar ta' aċċess sostenibbli għall-materja prima, inklużi l-metalli, il-minerali industrijali u l-materja prima tal-kostruzzjoni, u b'mod partikolari l-materja prima kritika (CRM), huwa ta' importanza kbira għall-ekonomija Ewropea, fejn mill-inqas 30 miljun impjeg jiddependu mid-disponibbiltà tal-materja prima. Il-pandemija tal-COVID-19 li tinsab għaddejja qed tenfasizza l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali.

Fil-plenarja tiegħu ta' Settembru, u f'mument kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-Pjan ta' rkupru tal-UE, il-KESE adotta Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar **L-estrazzjoni diġitali fl-Ewropa: soluzzjonijiet ġodda għall-produzzjoni sostenibbli tal-materja prima.**

Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-materja prima tal-UE hija opportunità unika biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista industrijali Ewropej, biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-settur tal-minerali u biex jiżiedu t-trasparenza u d-djalogi maċ-ċittadini u l-komunitajiet affettwati mill-attivitajiet ta' estrazzjoni.

Ir-relatur għall-Opinjoni **Marian Krzaklewski** qal li *"t-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-estrazzjoni teħtieġ sforz ambizzjuż biex jitwettqu bidliet legali u regolatorji, u li dan l-isforz għandu jsir taħt l-awspiċju tal-organizzazzjonijiet sovrannazzjonali u fil-livell tad-dritt internazzjonali"*.

Il-KESE jenfasizza l-importanza li jkun hemm network globali u komprensiv tal-intelligence dwar il-minerali sabiex jirfed it-trasformazzjoni diġitali u t-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod informat fil-livell tal-UE. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) qed jiżviluppa u jżomm sistema ta' informazzjoni Ewropea dwar il-materja prima, kif rikonoxxut mill-KESE.

Il-KESE jemmen li l-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw b'mod attiv it-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-estrazzjoni tal-UE. Dan huwa pass kruċjali biex tiżdied ir-reżiljenza tal-industrija tal-UE u tal-katina tal-valur tal-materja prima. Il-minjieri li jużaw it-teknoloġiji diġitali, inklużi l-awtomatizzazzjoni integrata, in-networks konjittivi u l-użu ta' analitika f'ħin reali huma aktar effiċjenti, nodfa u sikuri. L-impronti ambjentali mnaqqsa u l-ambjenti aktar sikuri huma eħfef biex jinkisbu fil-"minjieri intelliġenti", u dan huwa kruċjali biex tinkiseb il-liċenzja soċjali biex joperaw fl-Ewropa. (ks)



## Avjazzjoni – il-KESE j?e??e? lill-Kummissjoni tadotta pjan ta' rkupru komprensiv

Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa pjan direzzjonali komprensiv għall-irkupru tas-settur tal-avjazzjoni Ewropew kollu, b'riżorsi speċifiċi sabiex jiġu appoġġjati s-sottosetturi kollha u l-forza tax-xogħol tagħhom. Fl-Opinjoni mħejjija minn **Thomas Kropp** u adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru, il-Kumitat qabel li hija meħtieġa politika ta' rkupru ambizzjuża u koordinata, sabiex issir distinzjoni ċara bejn il-fażi inizjali ta' rkupru, fuq terminu qasir, u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetittività internazzjonali tas-settur u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq perjodu ta' żmien medju u twil.

Waqt li kien qed jitkellem mill-marġni tas-sessjoni plenarja, is-**Sur Kropp** qal li: "Għalkemm is-settur tal-avjazzjoni iffaċċja kriżijiet qabel, din il-kriżi hija waħda mingħajr preċedent. Skont stimi aġġornati, is-settur mhux se jirkupra kompletament qabel l-2024. L-istituzzjonijiet Ewropej u korpi

internazzjonali oħra għad iridu jikkoordinaw miżuri regolatorji biex jistabbilixxu standards internazzjonali. Is-settur tal-avjazzjoni ma jikkonċernax biss lil-linji tal-ajru: huwa wkoll dwar partijiet importanti oħrajn, bħall-ajruporti, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, fornituri tas-servizzi fuq l-art u fornituri ta' servizzi oħrajn, li jeħtieġ li jitqiesu l-koll sabiex jinstabu soluzzjonijiet."

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni jeħtiġilha tfittex li jkun hemm bilanċ xieraq bejn il-miżuri ta' rkupru u r-rekwiżiti finanzjarji li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, sabiex jiġi evitat li jiġu imposti piżijiet regolatorji addizzjonali, b'mod partikolari fil-fażi ta' rkupru, peress li s-settur kollu jinsab fraġli mil-lat finanzjarju.

---

## It-tranzizzjoni enerġetika teħtieġ viżjoni ?ara g?all-futur

It-tranżizzjoni enerġetika teħtieġ viżjoni politika ċara, peress li mhijiex biss kwistjoni teknoloġika iżda wkoll sfida soċjali profonda. Fl-Opinjoni mħejjija minn **Lutz Ribbe** u **Thomas Kattinig**, adottata fis-sessjoni plenarja tal-Kumitat f' Settembru, il-KESE jenfasizza li s-sistema tal-enerġija futura se teħtieġ elementi ċentralizzati u deċentralizzati. Madankollu, l-organizzazzjoni tagħha ma tistax titħalla għal riħha.

Matul id-dibattitu, is-**Sur Ribbe** qal li: "Tinħtieġ viżjoni ċara dwar jekk għandhiex tingħata prijorità lid-deċentralizzazzjoni jew liċ-ċentralizzazzjoni. Wara kollox, it-tranżizzjoni enerġetika tal-Ewropa qabelxejn teħtieġ ċertezza ta' investment kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat, li tista' tinkiseb biss jekk jittieħdu deċiżjonijiet fundamentali ċara."

Fuq l-istess nota, is-**Sur Kattnig** żid jgħid li: “Il-ħaddiema, it-trade unions u l-konsumaturi jeħtiġilhom ikunu involuti fit-tranżizzjoni enerġetika, kif imwiegħed minn dawk li jfasslu l-politika u kif mitlub bil-qawwa mill-KESE. Madankollu, hawnhekk ukoll, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħallew aktar mistoqsijiet miftuħa milli twegħibiet. Barra minn hekk, l-inizjattivi attwali tal-politika dwar l-enerġija se jipprevjenu l-parteċipazzjoni wiesgħa taċ-ċittadini, aktar milli jhegħguha.”

Sistemi ċentralizzati u deċentralizzati għandhom kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi. F’sistema ċentralizzata, il-ħolqien tal-valur huwa tipikament ikkonċentrat fuq numru żgħir ta’ atturi. F’sistema deċentralizzata, madankollu, il-konsumaturi jistgħu jikkontribwixxu bħala klijenti attivi, komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, bdiewa, SMEs u intrapriżi muniċipali. (mp)

---

## Il-governanza ekonomika futura tal-UE trid tkun “punt ta’ bidla”, mhux “ritorn għan-normal”

Ir-rieżami tal-governanza ekonomika 2020 tal-Kummissjoni Ewropea huwa f’waqtu u għandu jwitti t-triq għal riforma komprensiva, u jagħmel “bidla” għal qafas rivedut u bbilanċjat mill-ġdid minflok “ritorn” għan-normal. F’Opinjoni abbozzata minn **Judith Vorbach** u **Tommaso Di Fazio** u li ġiet adottat fis-sessjoni plenarja ta’ Settembru, il-KESE jsostni li tinħtieġ politika ekonomika ġdida fil-livell tal-UE, politika li tenfasizza l-prosperità biex jiġi promoss il-benesseri tan-nies kif ukoll firxa ta’ objettivi tal-politika ewlenin, bħat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, livell massimu ta’ impjegi u x-xogħol deċenti, it-tqassim ġust tal-ġid materjali, is-saħħa pubblika u l-kwalità tal-ħajja, is-sostenibbiltà ambjentali, l-istabbiltà tas-suq finanzjarju u l-istabbiltà fil-prezzijiet, ir-relazzjonijiet kummerċjali bbilanċjati sew, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva u finanzi pubbliċi stabbli.

Hija u tħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissoktaw bir-riflessjoni tagħhom dwar ir-regoli attwali tal-UE fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, is-**Sinjura Vorbach** qalet li “Jeħtieġ li nirvedu u nimmodernizzaw b’mod urġenti l-qafas tal-governanza ekonomika. Dan għandu jkun aktar ibbilanċjat u jkollu l-prosperità fil-qalba tiegħu, filwaqt li jippromovi l-benesseri tan-nies fl-Ewropa. Ĥadd ma għandu jitħalla l-art. Mod wieħed kif dan jista’ jinkiseb huwa billi tiġi applikata r-“regola tad-deheb” għall-investment pubbliku biex jiġu ssalvagwardjati l-produttività u l-bażi soċjali u ekoloġika għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri. Punti importanti oħra huma l-iżgurar ta’ dħul pubbliku suffiċjenti, politika ta’ tassazzjoni ġusta u l-mitigazzjoni tal-influenza ta’ indikaturi ekonomikament dubjużi fuq it-tfassil tal-politika. Huwa essenzjali wkoll li l-Parlament Ewropew, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi jiġu involuti aktar mill-qrib.”

Huwa u jtenni l-kliem tagħha, is-**Sur Di Fazio** żied jgħid: “Il-kriżi tal-COVID-19 hija xokk enormi, li jirrikjedi setgħa finanzjarja sħiħa. Hemm bżonn ta’ armonija tal-għanijiet sabiex jitrażżnu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta’ din il-pandemija u biex il-piż tad-dannu jinqasam b’mod ġust fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom. Diġà ġew stabbiliti miżuri importanti fuq medda qasira ta’ żmien bħall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-qafas fiskali. Madankollu, minflok ma mmorru għal “ritorn għan-normal” malajr wisq, irridu nagħmlu qabża ‘l quddiem u nagħmlu “bidla” lejn viżjoni ekonomika riveduta, waħda li żżid l-investment fit-taħriġ, ir-riċerka u l-iżvilupp, u l-attivitajiet produttivi strateġiċi.” (mp)

---



## A?enda territorjali tal-UE – Il-politiki l-?odda jridu jgisu l-konsegwenzi tal-kri?i tal-coronavirus

L-aġenda urbana u territorjali riveduta l-ġdida tal-UE trid tindirizza l-effetti tal-kriżi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, u l-politika ta' koeżjoni tista' tkun l-ġhodda ġusta biex jiġi indirizzat l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa. F'żewġ Opinjonijiet adottati fil-plenarja ta' Settembru, il-KESE jeżamina l-politiki territorjali tal-UE u jistabbilixxi triq 'il quddiem.

Fil-ewwel Opinjoni, **Petr Zahradník** u **Roman Haken** jiffukaw fuq ir-reviżjoni tal-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli u japprovaw is-sejthiet li saru fl-Aġenda Territorjali l-ġdida għall-2030 għal Ewropa ġusta u ekoloġika u għal dimensjoni territorjali aktar robusta fil-politiki kollha u fil-livelli kollha ta' governanza.

Fil-livell lokali, il-kelmiet ewlenin għall-ġejjieni għandhom ikunu l-integrazzjoni, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-bliet u r-reġjuni. Waqt li

tkellem fis-sessjoni plenarja, **Petr Zahradník** qal: "Il-potenzjal għall-implimentazzjoni ta' proġetti integrati fl-iżvilupp territorjali u urban huwa enormi u l-istess huma l-benefiċċji assoċjati ma' dan l-approċċ f'termini ta' sinerġija tal-effetti, l-iffrankar tal-ispejjeż u l-ħolqien ta' konnessjonijiet funzjonali."

B'żieda ma' dan, **Roman Haken** iddikjara: "Meta jitqiesu l-effetti tat-tibdil fil-klima, l-użu tar-riżorsi u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ambjentali, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-bliet u r-reġjuni ma jistgħux jiġu indirizzati separatament. Għal din ir-raġuni, l-Aġenda Urbana għandha tkun ikkoordinata mill-qrib kemm jista' jkun mal-politika ta' koeżjoni territorjali."

Għalhekk il-koeżjoni hija vitali; dan jinsab wkoll fil-qalba ta' Opinjoni abbozzata minn **Gonçalo Lobo Xavier**, li fiha l-KESE jgħid li din tista' tkun l-ġhodda ideali biex jiġu indirizzati l-ħafna sfidi li ġġib magħha l-pandemija tal-coronavirus u jstieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni. "Irridu naġixxu b'mod urġenti u nirreaġixxu malajr; il-mezzi finanzjarji biex jgħinu u jappoġġjaw lill-Istati Membri għandhom jintużaw b'konformità mal-kriterji rilevanti, iżda wkoll b'kuraġġ", qal is-**Sur Lobo Xavier**. "Aktar minn qatt qabel, l-Ewropa teħtieġ approċċ differenzjat għal sfida waħda." (mp)

---

## A?BARIJET MILL-GRUPPI



## Tweġibiet ta' livell għoli għall-ittra tal-Grupp ta' Min Iħaddem dwar il-baġit ta' rkupru tal-UE

### **Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

Il-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE rċieva tweġibiet mill-ogħla livell politiku għall-appell tiegħu għal ftehim rapidu dwar il-baġit ta' rkupru ambizzjuż. F'Ġunju 2020, il-Grupp ta' Min Iħaddem bagħat ittra dwar dan is-suġġett lill-membri tal-Kunsill Ewropew kif ukoll **lill-President tal-Kunsill Ewropew, Charles Michel, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, u lill-President tal-Parlament Ewropew, David Sassoli.**


Il-messaġġ ewlieni tal-Grupp ta' Min Iħaddem kien li negozji reżiljenti li jirnexxu huma kruċjali għall-irkupru tal-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm fokus sod fuq il-kundizzjonijiet tan-negozju hekk kif qed inħejju għall-perjodu ta' wara l-kriżi. Frédéric

Bernard, il-kap tal-kabinett tas-Sur Michel, enfasizza fit-tweġiba tiegħu tat-3 ta' Lulju, li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss għandu jkun strument ewlieni biex jiġu appoġġjati rkupru stabbli u "Suq Uniku mmodernizzat u li jiffunzjona bis-sħiħ".

Bl-istess mod, is-Sur Sassoli indika fit-tweġiba tiegħu lill-Grupp ta' Min Iħaddem fis-17 ta' Lulju li "għandna bżonn miżuri ekonomiċi straordinarji u mingħajr preċedent u għaqda Ewropea ġenwina u mingħajr kundizzjonijiet". Huwa laqa' l-fehim kondiviż mal-Grupp ta' Min Iħaddem dwar il-ħtieġa għal rispons magħqud fil-livell tal-UE. Huwa meħtieġ QFP ambizzjuż sabiex iċ-ċittadini u n-negozji Ewropej jiġu mgħejjuna biex jirkupraw mill-kriżi.

Is-Sinjura von der Leyen wkoll esprimiet il-gratitudni tagħha għall-ittra u d-dokument ta' pożizzjoni ***In-negozju huwa kruċjali għall-irkupru tal-UE mill-kriżi tal-coronavirus***. Iż-żewġ dokumenti intbagħtu lil Maroš Šefčovič, Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva. F'isem il-President Macron, il-kap tal-persunal tiegħu Patrick Strzoda kkonferma l-importanza tat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija mill-aktar fis. L-ittra ntbagħtet ukoll lil Bruno Le Maire, il-Ministru Franċiż għall-Ekonomija u l-Finanzi, u lil Clément Beaune, il-Ministru Franċiż tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej.

---



## Jum Dinji għal Xogħol Deċenti

### **Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

Din is-sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji għal Xogħol Deċenti nhar is-7 ta' Ottubru kienet aktar rilevanti minn qatt qabel. Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat id-difetti eżistenti fis-soċjetajiet tagħna, b'mod partikolari fir-rigward ta' xogħol, paga u introjtu deċenti. Iżda għal darb'oħra, ċerti persuni – li kienu diġà fost l-aktar vulnerabbli – intlaqtu b'mod sproporzjonat: żgħażaġh f'impjegi prekarji, nisa rappreżentati b'mod sproporzjonat: fis-setturi l-aktar milquta jew nisa li jibqgħu d-dar sabiex jieħdu ħsieb l-edukazzjoni tat-tfal jew jieħdu ħsieb membri tal-familja, ħaddiema li jaħdmu għal rashom u ħaddiema tal-pjattaformi, ħaddiema b'paga baxxi u dawk f'xogħol mhux iddikjarat.

Fil-Jum Dinji għal Xogħol Deċenti, il-Grupp tal-Ħaddiema ngħaqad mal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Internazzjonali u mal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions fl-appell għal Kuntratt Soċjali Ġdid għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiġu miġġielda l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19 b'mod sostenibbli billi fl-aħħar tingħata risposta għall-ħtiġijiet tan-nies. Tiġdid ġenwin tal-proġett Ewropew jeħtieġ investment soċjali b'saħħtu sabiex jiġu kkomplementati l-politiki ekonomiċi, ikun hemm enfasi fuq iż-żamma u l-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità għolja, il-paga ekwa u t-tneħħija tax-xogħol prekarju.

Il-Kummissjoni trid tkompli b'mod urġenti bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari bl-inizjattivi relatati mal-pagi minimi ġusti, l-introjtu minimu, it-trasparenza tal-pagi u t-tiżiħ tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu garantiti n-negozjar kollettiv u l-interessi tal-ħaddiema prekarji u vulnerabbli. Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata l-ekwità fis-settur tal-pjattaformi, li jiġġenera profitti kbar għall-kumpaniji filwaqt li l-ħaddiema f'dan is-settur jinsabu f'sitwazzjoni estremament prekarja f'termini tad-drittijiet tax-xogħol, il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.



## X'inhuma l-prijoritajiet tal-politiki tal-UE fil-ejjieni?

### **Mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE**

Minn Simo Tiainen, membru tal-Grupp Diversità Ewropa li jirrappreżenta lill-Għaqda Ċentrali tal-Produtturi Agrikoli u s-Sidien tal-Foresti (MTK) tal-Finlandja

Bilanċ ekonomiku, soċjali u reġjonali aħjar fl-Ewropa u l-kompetittività tal-industriji u n-negozji tal-UE, inkluża l-biedja, jridu jibqgħu prijoritajiet tal-politiki tal-UE. Il-kompetittività tagħna għandha tkun ibbażata fuq il-produzzjoni sostenibbli, l-impjieg u t-tkabbir ekonomiku. Hija biss Ewropa b'saħħitha ekonomikament li tista' tassumi rwoli ta' tmexxija u responsabbiltà. Fin-negozjati kummerċjali, il-prinċipji tal-produzzjoni tal-

ikel Ewropej, bħas-sostenibbiltà, l-istandards għolja, u s-sigurtà alimentari, ma għandhom qatt jiġu kompromessi.

Il-biedja hija ta' importanza ewlenija għall-isfidi strateġiċi, ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-ġejjieni. L-Ewropej iridu jkomplu jieklu ikel sostenibbli u sikur. Huwa għalhekk li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandha tigarantixxi l-provvista ta' ikel sikur u tajjeb għas-saħħa, il-protezzjoni tal-ambjent u tal-kampanja, it-trattament xieraq tal-annimali, miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih, l-għajxien tal-bdiewa u l-vijabbiltà taż-żoni rurali. L-UE għandha tiddefendi l-mudell agrikolu Ewropew ibbażat fuq il-prinċipji tas-sovraniżmu u s-sostenibbiltà tal-ikel. Il-PAK għandha tiġi ssimplifikata u għandu jkun hemm inqas burokrazija u aktar sussidjarjetà.

Fl-aħħar nett, il-politiki tal-UE għandhom jsaħħu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. L-UE teħtieġ strateġija għall-foresti b'saħħitha li tqis id-dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà. Din tagħmilha possibbli li jtkabbru aktar injam u prodotti oħra fl-Ewropa, u tista' tkun ta' kontribut sinifikanti għall-iżvilupp ta' tip ġdid ta' bijoekonomija, għan-newtralità tal-karbonju u għall-impjegi u t-ktabbir. Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-bjar tal-karbonju meħtieġa, u l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-bijodiversità huma kompatibbli bis-sħiħ ma' xulxin.

## SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



### Il-wirja “Habitat” ta’ Tom Hegen tasal fil-KESE

**Esplorazzjoni tar-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura permezz ta’ fotografija mill-ajru.**

Il-KESE se jospita **wirja tal-fotografija intitolata *Habitat***, li turi x-xogħol ta’ **Tom Hegen**, fotografu u disinjatur Ġermaniż minn Munich rebbieħ ta’ premji.

Ix-xogħol ta’ Tom Hegen jiffoka fuq proġetti ta’ fotografija mill-ajru, li juru l-impatt tal-attività tal-bniedem fuq l-art u ta’ spiss jenfasizzaw ir-relazzjoni bejn il-bnedmin u n-natura. Il-proġett *Habitat* jistieden lill-ispettaturi biex jiskopru l-pjaneta tagħna minn perspettiva ġdida, biex jifhemu l-iskala tal-attività tal-bniedem fuq il-pjaneta tagħna u, fl-aħħar mill-aħħar, biex jassumu responsabbiltà. Il-wirja fiha sensiela ta’ 31

immaġini, li jiffukaw fuq pajsaġġi li ġew trasformati mill-attività tal-bniedem.

Il-wirja se tintwera fil-KESE mis-26 ta’ Ottubru sat-30 ta’ Novembru 2020, b’rabta mal-Prezidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE. (ck)

Editor

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Daniela Marangoni (dm)  
David Gippini Fournier (dgf)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katharina Radler (kr)  
Katerina Serifi (ks)  
Laura Lui (ll)  
Marco Pezzani (mp)  
Margarida Reis (mr)  
Margarita Gavanas (mg)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Katerina Serifi (ks)

## Indirizz

Kumitat Ekonomiku u So?jali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040  
Brussell, il-Bel?ju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b?ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g?al dawn, jekk jog??bok irreferi g?all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g?al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b?ala s-sors u tintbag?at link lill-editur.

10/2020